MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 122/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Francis Bonello**
**-omissis-**
**Martin Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Bonello, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bin Saviour u Carmen nee` Sultana, imwieled Xaghra (Ghawdex) fit-18 ta' Awissu 1968 u residenti fil-fond Vox Clamantis, Triq Sant'Anton, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 24268(G); Carmel Mifsud ta' sitta u erbghin (46) sena, bin Nazzareno u Magdalen nee` Farrugia, imwieled Rabat (Ghawdex) fis-26 ta' Mejju 1963

residenti fil-fond numru 4, Triq is-Sellum, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` 25563(G); u Martin Vella ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Carmel u Margaret nee` Azzopardi, imwieled Rabat (Ghawdex) fil-21 ta' April 1969 u residenti fil-fond numru 79, Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 11869(G) fejn gew akkuzati talli nhar it-30 ta' Jannar 2009 gewwa sit fi Triq it-Telgha, Qala, Ghawdex:

1. waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu, jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu l-qoxra tas-sigra, qalghu jew ipprovaw jaqalghu l-gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l-injam, wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma, jew bi kwalunkwe mod iehor qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-iskedi I, II, u III u ta' xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 ta' 2001 (Regolamenti ta' 2001 dwar il-Harisen tas-Sigar u l-Imsagar), hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mwettaq mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati (Regolmanet 6 ta' A.L. 12 ta' 2001).

2. ukoll talli hadu parti f'azzjoni jew ipprovaw jiehdu parti f'azzjoni, jew aggixxew b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur setghet tkun ta' hsara ghal-identita` biologika, jew ghal xi sigra elenkata fl-iskedi I, II u III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 ta' l-2001 (Regolamenti ta' 2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar) (Regolament 7(4) ta' A.L. 12 ta' 2001).

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta' Frar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkundannathom multa komplessiva ta' tmien mitt Euro (€800) kull wiehed u ordnat wkoll il-konfiska tac-*chainsaw* tal-marka Homelite (Dok AS).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Bonello tat-8 ta' Marzu 2012 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-

ewwel Qorti fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u mmultatu tmien mitt euro (€ 800) u minflok tilliberah minn kull akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Martin Vella minnu prezentat fit-12 ta’ Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka fil-konfront tieghu s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuza migjuba kontra tieghu inkella sussidjarjament tbiddel l-istess sentenza billi tnaqqas il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti ghall-piena aktar gusta w adegwata.

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**6.** Semghet il-provi u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**7.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-30 ta’ Jannar 2009 sar rapport lill-ghassa tal-Pulizija ir-Rabat Ghawdex ghall-habta ta’ bejn it-3.40 pm u l-4.50 pm li kienet qed tinqata harruba fi Triq it-telgha, il-Qala, Ghawdex u intbaghat fuq il-post pulizija biex jinvestiga. Meta wasal vicin il-post l-ufficjal tal-pulizija sema’ hoss ta’ mutur tal-idejn jew *chainsaw* u meta dahal fi sqaq sab lil Carmel Mifsud jaqta’ xi frieghi minn sigra tal-harruba permezz ta’ *chain saw* u ordnalu jieqaf. Il-harruba kienet f’ghalqa li allegatament kienet tappartjeni lill-appellant Martin Vella u li xi frieghi taghha kienu wkoll invadew ghalqa ohra li allegatament tappartjeni lill-appellant Francis Bonello. L-ghalqa kienet tinsab f’ *outside development zone*. Xi hin wara waslu wkoll fuq il-post ufficjali ohra tal-pulizija u tal-MEPA. Carmel Mifsud qal lill-ufficjali tal-pulizija li huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta’ tizbir fuq is-sigra tal-harruba fuq inkarigu li kienu tawh l-appellanti. Carmel Mifsud ma kellu ebda permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jizbor jew jaqta’ xi sigra tal-harruba. Minn naha tieghu l-appellant Martin Vella cahad li hu kellu xi raba’ fil-Qala jew li kellu x’jaqsam ma’ xi harrub.

Ikkunsidrat:

**8.** Il-Qorti ser taghti sentenza wahda rigward iz-zewg rikorsi ta’ appell taz-zewg appellanti.

**9.** Qabel xejn il-Qorti tipprovdi fuq ir-rikors tal-appellant Francis Bonello tat-8 ta’ Marzu 2012 li bih talab li jigi awtorizzat jipprezenta z-zewg ritratti Dok. A u Dok B billi tichad l-istess peress li ma inghatat ebda raguni valida ghaliex l-istess ritratti ma setghux jigu prezentati matul il-perjodu ta’ l-fuq minn sena li damu l-proceduri fl-ewwel istanza u ghalhekk tordna l-isfilz tal-istess ritratti.

**10.** L-aggravju principali taz-zewg appellanti, ghalkemm gew dedotti minnhom aggravji ohra anki ta’ natura legali, jikkonsisti fil-fatt li jallegaw li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-htija taghhom minghajr dubbju dettat mir-raguni. U hekk hu.

**11.** Huwa minnu li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiema izda din il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma l-provi kollha mill-gdid fil-kaz odjern hu doveruz da parti taghha li tiddipartixxi mill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti in vista tal-karenza assoluta ta’ provi ammissibbli skont il-ligi li b’xi mod jinkriminaw liz-zewg appellanti.

**12.** Il-provi prodotti kienu jikkonsistu f’ufficjali tal-pulizija, ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, tad-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern, tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ippjanar u Ambjent, tar-Registru tal-Artijiet, apparti s-Sindku tal-Qala li bir-rapport tieghu kienu skattaw l-investigazzjonijiet. Minn dawn il-provi, wara li gew attentament skrutinati minn din il-Qorti, ma tirrizulta l-anqas prova diretta wahda tal-partecipazzjoni jew intervent tal-appellanti fir-reati dedotti kontra taghhom. L-unici provi prodotti, fejn dawn setghu wasslu xi mkien, huma provi *detto del detto* u anki dawn baqghu vagi u inkonkluzzivi ghall-ahhar. L-unici provi diretti li jirrizultaw huma fil-konfront ta’ Carmel Mifsud li ma ghadux imputat f’dawn il-proceduri u li hi l-unika persuna li setghet tixhet dawl dirett fuq is-sehem tal-appellanti f’din il-vicenda kollha. Carmel Mifsud fl-ewwel istanza kien ko-imputat mal-appellanti izda fl-appell s-

sentenza fil-konfront tieghu kienet ghaddiet in gudikat u potenzalment seta' jigi prodott jixhed fl-appell wara t-talba appozita lil din il-Qorti, jekk tintlaqa', fit-termini tal-artikolu 424(a) tal-Kodici Kriminali. Izda l-prosekuzzjoni baqghet ma talbitx il-produzzjoni tieghu u ghalhekk baqa ma tax ix-xhieda tieghu.

**13.** Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tezamina l-aggravji l-ohra tal-apellanti peress illi l-htija taghhom tar-reati lilhom addebitati ma gietx pruvata kif trid il-ligi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appelli ta' Francis Bonello u Martin Vella u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront taghhom, tiddikjarhom mhux hatja tar-reati addebitati lilhom u tilliberhom minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------